MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 50 – 4 Leġislatura**

**It-Tnejn ta' 12 ta'Jannar 2026**

Il-Kunsill Reġjonali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Zejtun | Sinjura Joan Agius |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Kunsillier Gudja | Is-Sur Andrew Dalli |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlo Mifsud |
| Kunsillier Santa Luċija | Dr Liam Sciberras |
| Kunsillier Ħal-Luqa | Is-Sur Keith Bartolo |
| Kunsillier Ħal Qormi | Is-Sinjura Elke Sghendo |
| Kunsillier Ħamrun | Dr Antione Vassallo |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

Ħadt

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku Gianluca Falzon, Sindku Karl Boxall, Sindku Scott Camilleri u Sindku Luke Farrugia

ASSENTI

Ħadt

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mariella Strout — Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**50.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

**50.1.1** Il-President informa li Sindku Gianluca Falzon, Sindku Luke Farrugia, Sindku Scott Camilleri u Sindku Karl Boxall kienu indisposti.

**50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

**50.2.1** Il-President ressaq il-Minuti ta' disa u erbgħin (49) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel tal-laqgħa.

**50.2.2** Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat Sindku , il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu il-minuti msemmija.

**50.2.3 Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**50.2.3.1** Is-Sindku Joan Aguis staqsiet dwar l-andament tal-ġbir ta' l-iskart riċklabbli (grey/green bag) waqt żmien tal-festi. Hija rimarka li kien diversi postijiet li ma ngabarx b'hekk irriżulta f'taħlit ta' skart. Il-President spjega li sistema ta' bdil tal-ġurnata fl-ewwel ġimgħa (26ta' Diċembru 2025) ħadmet iżda f'tieni ġimgħa il-ġabra 31ta' Diċembru inqalu xi problemi għaliex diversi nies ħarġu l-iskart riċiklat f'2 ta' Jannar 2026. Huwa tenna li Dipartiment ta' l-Gvern Lokali kien konxju min dak li ġara. Fil-waqt li kuntrattur ta' Reġjun offra li jiġbor l-iskart li kien ħareġ mhux fil-ġurnata li kien hemm ftehim dwarha

**50.2.3.2** Is-Sindku Joan Aguis irringrazzjat lil President ta' l-inizjattiva tal-kalendarju. Hija tenniet li kien qed jintlaqa tajjeb mir-residenti.
Il-membri preżenti ukoll ikkonfermaw li din l-inizjattiva kienet qed tintlaqa tajjeb.

**50.3 Komunikazzjoni mill-president**

**50.3.1 Laqgħa mal-Kunsill ta' Ħal-Qormi**

Il-President informa saret laqgħa mal-Kunsill ta' Ħal Qormi fejn ġie diskuss l-andament tal-ġbir ta' l-iskart. Għal din il-laqgħa attenda ukoll Direttur ta' Clean Malta minħabba li huma responsabbli mis-servizz tal-knis f' Ħal Qormi. Waqt din laqgħa ġie maqbul li ser issiru iktar spezzjonijiet flimkien ma l-uffiċjal maniġerjali f'zoni 'ħot spots' fejn jinħareġ skart irregolari. Kif ukoll issiru rondi wara truck ta' l-iskart. sabiex jiġi żgurat li servizz qed jingħata kif mixtieq.

**50.3.2 Garanziji Bankarji relatata mal-Binja Amministrattiva**

Il-President ta' update dwar ix-xogħolijiet fejn informa li kienu saru il garanziji bankarji u daħlu il-BCA sabiex jingħata l-approvazzjoni meta jinbeda xogħol. Rigward il-ftehim ta' fondi min Ambjent Malta, reġa' sar addendum ieħor biex jiggarantixxi il-fondi li kienu allokati għal *roof garden* tal-Binja.

**50.3.3 Proġett ta' Hena**

Il-President informa li l-uffiċju amministrattiv kien għaddej bil-preparamenti sabiex jinbeda il-proġett Hena. Huwa qal li launch ser issir fil-bidu ta' Marzu u għal din darba ser jipparteċipaw skejjel

tal-knisja li ma jinstabux f'reġjun iżda l-istudenti li ser jippartecipaw huma mir-Reġjun. Ser tingħata ukoll opportunita li tfal li jkollhom ħiliet fl-arti billi jesebixxi tpinġija skont it-tema tal-proġett.

**50.3.4 Laqgħa Segretarji Eżekuttivi**

Il-President informa li kienet ser issir laqgħa ma Segretarji Ezekuttivi tal-Kunsilli f'ħdan ir-Reġjun.

**50.4 Skeda ta' Pagamenti;**

**50.4.1** Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 01/26A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

**50.4.2** Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Charlo Mifsud u sekondat min Sindku Joan Agius

il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**50.5 Rapporti**

**50.5.1 Rapport applikazzjoni Uffiċjal Amministrattiv I**

Il-President stieden l-Segretarju Eżekuttiv sabiex taqra rapport dwar sejħa ta' Uffiċjal Amministrattiv I. Hija spjegat li Regjun kien irċieva 5 applikazzjonijiet li kienu eliġibbli u applikazzjoni oħra wara li kienet għalqet is-sejħa.

**50.5.1.1** Il-Kunsill qabel li sir sessjoni ta' intervisti nhar 5 ta' Frar 2026 mil Bord ta' l-intervisti li kienu approvati waqt laqgħat preċedenti tal-Kunsill.

**50.6 Item: KRN Baġit 2026**

Il-President stieden lil Accountant ta' Reġjun sabiex jaqra rapport tal-Baġit 2026. Is-Sur Inkorvaja ta' rendikont ta' l-ammont previst ta' dħul min l-allokazzjoni li tkopri l-infiq amministrattiv u l-infiq fuq is-servizz ta' l-iskart. Fil -baġit ġie kalkulat lis-spiża ta' xogħolijiet li jridu jsiru fuq riabilitazzjoni ta' l-uffiċju amministrattiv. Meta ġew ikkunsidrati dawn l-ispejjeż ir-Reġjun għandu surplus ta' 10,000 euro.

**50.6.1** Il-membri ta' l-Kunsill Reġjonali approvaw ir-rapport tal-baġit 2026 kif preżentat.

**50.7 Item: Performance Bonus Ħaddiema Klerikali u Tribunal**

Il-President ressaq id-dokumenti tal-performance appraisal tal-membri tal-istaff tal-Kunsill Reġjonali. Hu ta' spjega ta' rekomandazzjoni kif prezentat mis-Segretarju Ezekuttiv fejn il-membri tal-istaff kurrenti jingħataw il-massimu tal-persentaġġ tal-allowance għaliex urew dedikazzjoni u effiċjenza f'xogħol tagħhom. Persuna oħra li kienet irrezenjat f'nofs is-sena ser tingħata 4% bħala rikonoximent ta' xogħol li għamlet fl-5 xhur ta' sena. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

**50.7.1** Il-Membri preżenti approvaw il-performance appraisals tal-membri tal-istaff b'mod unanimu

**50.8 Item: Performance Bonus Segretarju Ezekuttiv**

Il-President ressaq id-dokumenti tal-performance appraisal ta' Segretarju Eżekuttiv. Hu ta' spjega rikommandazzjoni u ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv attwali tingħata l-massimu tal-persentaġġ tal-allowance għar-raġuni li qabeżet l-aspettazzjonijiet tal-Kunsill Reġjonali. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

**50.8.1** Il-Membri preżenti approvaw il-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv b'mod unanimu.

Segretarju Eżekuttiv rringrazjat lil President u lil Kunsill ta' l-approvazzjoni u il-fiduċja

**50.9 Affarijiet Oħra**

Il-President informa li fil-granet li ġejjien ser issir laqgħa ma Segretarju Permanenti responsabbli mill ġustizzja sabiex jiġu diskussi it-Tribunali.

Fakkar ukoll li waqt il-laqgħa li jmiss ser tingħata informazzjoni dwar it-tunnellaġġ ta' l-iskart miġbur, paraguni bejn 2024 u 2025

**50.10 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

**50.10.1** Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Tlieta 24 ta'Frar 2026

Konfermati llum 24 ta' Frar 2026____________________

Jesmond Aquilina

President

Mariella Strout

Segretarju Eżekuttiv